MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2014

Avviz Numru. 150/2014

**GO p.l.c. gia Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Edwin u Giorgia konjugi Debono**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-soċjetà kummercjali GO p.l.c. fejn esponiet illi:

Il-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Talba Nru. 756/05 JB) giet deciza mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fit-2 ta' Mejju, 2005, u fl-istess kawza l-intimati gew kkundannati jhallsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma

ta' Lm679.79 (sitt mija disgha u sebghin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu), ekwivalenti ghal €1583.48 (elf hames mija tlieta u tmenin Ewro u tmienja u erbghin centezmu), bl-ispejjez, drittijiet u imghaxijiet legali.

Illi s-socjeta' rikorrenti bidlet isimha ghal GO p.l.c. u dan fl-istess waqt li hija zammet l-istess personalita' guridika ezistenti.

Illi l-ispejjez u drittijiet in konnessjoni ma l'fuq imsemmija kawza ammontaw ghal Lm86 (sitta u tmenin Lira Maltin), ekwivalenti ghal €200.33 (mitejn Ewro u tlieta u tletin centezmu) skont l-annessa taxxa mmarkata bhala Dok A.

Illi in segwitu ghas-sentenza fuq imsemmija, is-socjeta' rikorrenti ntavolat mandat ta' sekwestru ezekuttiv li jgib ir-riferenza 279/07. Illi sussegwentement, wara li gie milhuq ftehim ghal hlasijiet ratejali, kien gie intavolat kontromandat li jgib ir-riferenza 626/07. L-ispejjes u drittijiet in konnessjoni mal-imsemmija mandat ta' sekwestru ezekuttiv u kontromandat ammontaw ghal €277.72 (mitejn sebgha u sebghin Ewro u tnejn u sebghin centezmu) skont annessi taxxi mmarkati bhala Dok B u C.

Illi sa llum l-intimati hallsu €1630.61 (elf sitt mija u tletin Ewro u wiehed u sittin centezmu) u ghaldaqstant baqa' bilanc fl-ammont ta' €385.92 (tlett mija hamsa u tmenin Ewro u tnejn u disghin centezmu) u li maghhom iridu jizdiedu €277.86 (mitejn sebgha u sebghin Ewro u sitta u tmenin centezmu) bhala imghaxijiet.

Illi ghalhekk l-ammont prezentement dovut jammonta ghal €663.78 (sitt mija tlieta u sittin Ewro u tmienja u sebghin centezmu) u dan salv kull imghax, spejjez u drittijiet legali ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi s-socjeta' rikorrenti ghandha interess li tipprocedi bil-hrug tal-mandati opportuni skond il-ligi.

Illi peress li mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin, is-socjeta' rikorrenti filwaqt illi tghamel referenza ghall-Artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tezegwixxi l'fuq citata sentenza permezz tal-mandati opportuni. F'dan ir-rigward, ai termini ta' l-istess Artikolu 258 tal-Kap. 12 Joseph Dimech, debitament awtorizzat, permezz tal-anness affidavit immarkat bhala Dok D, jikkonferma li l-ammont fuq indikat ghadu dovut mill-intimati.

L-intimati, debitament notifikati, ma ipprezentawx risposta fit-terminu lilhom prefiss.

Fis-seduta tat-22 t'Ottubru, 2014 dehru l-intimati mhux assistiti u ghalkemm il-Qorti iddiferriet il-kawza sabiex ikollhom opportunita' li jkellmu avukat sabiex jassistihom, u sabiex jikkontestaw it-talba fir-rikors promotur, fis-seduta sussegwenti, u cioe dik tal-24 ta' Novembru 2014, l-intimati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba.

Semghet ix-xhieda ta' Simone Whiteman, Credit Control Manager tas-socjeta rikorrenti, fis-seduta tat-22 t'Ottubru, 2014 fejn l-istess Simone Whiteman infurmat lill-Qorti li fil-mori ta' dawn il-proceduri l-intimati kienu hallsu zewg pagamenti ta' sitta u erbghin Euro u disa' u hamsin centezmu (€46.59)-il wiehed, li jammontaw ghas-somma ta' tlieta u disghin Euro u tmintax-il centezmu (€93.18). Ghaldaqstant dan l-ammont irid jitnaqqas mill-ammont li s-socjeta rikorrenti iddikjarat li ghadu dovut fir-rikors promotur, u cioe €663.78 (sitt mija tlieta u sittin Ewro u tmienja u sebghin centezmu). Ghalhekk, is-somma li ghadha dovuta lis-socjeta' GO p.l.c. hija ta' hames mija u sebghin Euro u sittin centezmu (€570.60).

Rat d-dokumenti ezebiti u l-atti kollha ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u tawtorizza l-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ottjenut bis-sentenza fl-ismijiet "Maltacom plc vs Edwin u Giorgia konjugi Debono"

(Talba numru 756/2005) deciza nhar it-2 ta' Mejju, 2005 mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, u dan ghas-somma kif ridotta mis-socjeta' rikorrenti ta' hames mija u sebghin Euro u sittin centezmu (€570.60).

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-intimati.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------